MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 20/2008

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu kien izzewweg lill-konvenuta fit-28 ta' Dicembru 1990, u li minn dan iz-zwieg, circa erba' snin wara, twieled tifel; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' l-attur, fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.16; li l-partjiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-28 ta' Lulju 2000; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan

iz-zwieg, u tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-att taz-zwieg numru 2390/1990; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta, filwaqt li ddikjarat li taqbel li z-zwieg kien null, tattribwixxi l-htija solament lill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta' Dicembru 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet, jew min minnhom, kien vizzjat kif fuq indikat.

Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li r-responsabbilita' tan-nullita' tirrisjedi unikament fuq l-attur.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Dicembru 1990, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa erba' snin, u meta allura l-attur kellu 27 sena u l-konvenuta kellha 24 sena. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fl-4 ta' Ottubru 1994. Wara konvivenza matrimonjali ta' seba' [7] snin huma sseparaw de facto, u fit-28 ta' Lulju 2000 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

*Verzjoni Attur*
Illi l-attur jghid li, ghalkemm matul l-gherusija ma kienx jidher li hemm problemi, izda mill-bidunett taz-zwieg bdew jinqalghu l-problemi minhabba l-attitudini aggressiva da parti ta' martu, u jghid li kieku kien jaf li martu kellha din il-problema huwa ma kienx jizzewwigha. Huwa jispjega li martu kienet mara aggressiva hafna, anke fizikament, kienet tghajjat mieghu, toffendih u tkellmu hazin meta jikkuntrarjaha. Kienet theddu li tkeccih 'il barra mid-dar li kienet proprjeta' taghha u ta' ommha, u kienet ukoll

theddu b' hutha. Dan kien ihalli effett negattiv fuq il-hajja ntima ta' bejniethom, li biz-zmien bdiet tiddeterjora.

Jammetti pero' li hu kien vicin hafna lejn ommu, u jghid espressament li huwa kien iqis li ommu tigi qabel martu. Jispjega, li dan kien hekk anke meta zzewweg lill-konvenuta, izda dak il-hin "bdejt nara s-sbuhija [ta' martu] ghax hi mhijiex mara kerha."[1] Jammetti wkoll li ommu kienet tindahal hafna bejniethom, u dan kien sors ta' inkwiet bejn il-partijiet.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta tispjega li ftit qabel iz-zwieg hija ntebhet li kienet ser taghmel zball li tizzewweg lill-attur, izda kellha kollox lest, u l-preparamenti tat-tieg kienu gja saru, u hi ma' kellhiex il-kuragg li twaqqaf kollox.

Tghid li fil-bidu, kemm hi kif ukoll zewgha, kienu jahdmu hafna fil-hanut li kienu hadu u li kien sejjer tajjeb, izda maz-zmien l-attur kien beda jilmenta maghha li, filwaqt li martu kellha sehem mill-proprjeta' tad-dar, hu ma kellu xejn; eventwalment dana beda jnaqqas mix-xoghol fil-hanut u kien beda jhalli lil martu tfendi ghar-rasha.

Kien beda juri nuqqas ta' responsabbilita', kemm fil-konfront ta' martu kif ukoll fil-konfront tat-tifel taghhom. Hi tispjega li huwa minnu li kienet tillitiga ma' l-attur, izda dana kienet taghmlu meta hi thoss li dan kien jonqos mill-obbligi tieghu.

Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-attur kien 'mummy's boy' u kien ihalli wisq lil ommu influwenzah fl-affarijiet ta' bejniethom. Dwar il-kunjata, il-konvenuta tghid "L-indhil t' ommu kissirni, vera kissirni."[2]

Illi rigward l-allegazzjoni da parti ta' l-attur li hi kienet aggressiva fil-konfront tieghu, il-konvenuta tichad li hi qatt refghet idejha fuqu, izda "nghajjat mieghu, iva, fejn kelli raguni."[3] Izda tispjega li "Jiena mmexxi negozju,

---

[1] Fol.84
[2] Fol.71
[3] Fol.78

[imdaqqas] u nrabbi lit-tifel u nghatih l-akbar edukazzjoni…. Qatt ma mort ghand psikjatra u lanqas qatt ma qalli mmur ghand psikjatra …. [izda] kont nirrabbja mieghu, iva meta kont nara l-kuntrarju.”[4]

Illi sussegwentement il-konvenuta skopriet li l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara ohra, u tghid li ghandu tarbija barra z-zwieg. Tammetti pero’ li, anke hi, f’ dawn l-ahhar sentejn dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, hija tal-fehema li fil-konfront taz-zewg partijiet jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat. Il-*forma mentis* ta’ l-attur fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali li jpoggi lil ommu qabel dik li kienet ser tkun il-mara tieghu, u li fiz-zwieg kienet ghamlitha mpossibbli ghalih sabiex jrrelata tajjeb ma’ martu; kif ukoll l-komportament tal-konvenuta li kienet tirreagixxi bl-ghajjat ghal dak li kien jaghmel jew jghid l-attur jekk hi ma tkunx taqbel mieghu, huma fatturi li ghamluha mpossibbli li z-zewg partijiet jzviluppaw bejniethom dik il-komunjoni ta’ hajja u mhabba necesarja fil-hajja konjugali.

Il-provi juru li z-zewg partijiet kienu nkapaci li jassumu l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, ghax, filwaqt li minn naha ta’ l-attur dan kien iqieghed lil ommu, u dak li tghid ommu, qabel il-konvenuta, allura martu, din minn naha taghha, kienet tirreagixxi b’ mod irrabbjat u aggressiv “meta kont nara l-kuntrarju.”[5]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

[4] Fol.76
[5] Supra

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta’ Dicembru 1990.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------